A.L. 141 ta' l-1997

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1997 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 11)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1997 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 11). Titolu.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar. Proprjetà speċifikata.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-4 ta' Settembru, 1997. Jum stabbilit.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

(1) Tlett blokkijiet *flats*, magħrufa bħala Blokk N, Blokk O u Blokk P, li jagħmlu parti mill-Binja ta' Wied Hesri, Siġġiewi, kif ġej:—

Blokk N, li jikkonsisti fi tmien *flats*, kull wieħed minnhom aċċessibbli minn bieb intern b'numru minn 1 sa 8, liema blokk hu aċċessibbli minn entratura komuni bla ebda numru uffiċjali iżda li għandha l-isem "Blokk N" fuqha, u li jmiss mill-Grigal u mill-Majistral ma' triq pubblika u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern;

Blokk O, li jikkonsisti fi tmien *flats*, kull wieħed minnhom aċċessibbli minn bieb intern b'numru minn 1 sa 8, liema blokk hu aċċessibbli minn entratura komuni bla ebda numru uffiċjali iżda li għandha l-isem "Blokk O" fuqha, u li jmiss mill-Majistral u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Grigal ma' triq pubblika;

Blokk P, li jikkonsisti f'sitt *flats*, kull wieħed minnhom aċċessibbli minn bieb intern b'numru minn 1 sa 6, liema blokk hu aċċessibbli minn entratura komuni bla ebda numru uffiċjali iżda li għandha l-isem "Blokk P" fuqha, u li jmiss mill-Majistral ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Grigal ma' triq pubblika u mix-Xlokk ma' Triq Il-Girġenti.

Dawn il-blokkijiet inbnew fuq proprjetà tal-Gvern, li qabel kienet Rural Tenement No. 50641 (Part of), u li jinsabu delineati bl-aħdar fuq L.D. 248/91/7. (HAM 6/94).

(2) *Flat* numru 3, Blokk A3, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Attard (Tenement No. 72718 – H.A. 109/96).

(3) *Flat* numru 10, Blokk 11, Bieb B, Triq it-Tulipani, San Ġwann (Tenement No. 69931 – H.A. 296/96).

(4) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Tal-Ħamrija, Blokk II, limiti Xewkija, Għawdex, kif hawn aktar 'il quddiem indikat —

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 214.9 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 25, Vjal il-Labour kantuniera ma' Triq il-Qronfol, li tmiss mill-Grigal ma' Vjal il-Labour, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Francis Attard, u mill-Majistral ma' Triq il-Qronfol, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 25, Vjal il-Labour kantuniera ma' Triq il-Qronfol, Xewkija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 25 fuq L.D. 19/97. (HAP 311/96).

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 175.64 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 26, Vjal il-Labour, li tmiss mill-Grigal ma' Vjal il-Labour, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Anthony Borg, u mill-Majistral ma' proprjetà ta' Eucharistica Azzopardi, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 26, Vjal il-Labour, Xewkija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 26 fuq L.D. 19/97. (HAP 512/96).

(ċ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 175.64 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 27, Vjal il-Labour, li tmiss mill-Grigal ma' Vjal il-Labour, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Carmel Grima, u mill-Majistral ma' proprjetà ta' Francis Attard, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 27, Vjal il-Labour, Xewkija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 27 fuq L.D. 19/97. (HAP 62/96).

(d) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 175.64 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 28, Vjal il-Labour, li tmiss mill-Grigal ma' Vjal il-Labour, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Francis Buttigieg, u mill-Majistral ma' proprjetà ta' Anthony Borg, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 28, Vjal il-Labour, Xewkija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 28 fuq L.D. 19/97. (HAP 92/96).

(e) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 175.64 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 29, Vjal il-Labour, li tmiss mill-Majistral ma' Vjal il-Labour, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Carmel Grima, u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Angelo Saliba, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 29, Vjal il-Labour, Xewkija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 29 fuq L.D. 19/97. (HAP 66/96).

(f) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 175.64 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 30, Vjal il-Labour, li tmiss mill-Grigal ma' Vjal il-Labour, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Mary Jane Farrugia, u mill-Majistral ma' proprjetà ta' Francis Buttigieg, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 30, Vjal il-Labour, Xewkija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 30 fuq L.D. 19/97. (HAP 43/96).

(ġ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 214.9 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 31, Vjal il-Labour kantuniera ma' Triq in-Narċis, li tmiss mill-Grigal ma' Vjal il-Labour, mix-Xlokk ma' Triq in-Narċis, u mill-Majistral ma' proprjetà ta' Angelo Saliba, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 31, Vjal il-Labour kantuniera ma' Triq in-Narċis, Xewkija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 31 fuq L.D. 19/97. (HAP 268/96).

(ħ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 163.04 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 34, Triq in-Narċis, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' J. Grima, mix-Xlokk ma' Triq in-Narċis, u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' John Spiteri, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 34, Triq in-Narċis, Xewkija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 34 fuq L.D. 19/97. (HAP 64/96).

(i) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 163.04 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 35, Triq in-Narċis, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Joseph Pace, mix-

Xlokk ma' Triq in-Narċis, u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' John Spiteri, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 35, Triq in-Narċis, Xewkija u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 35 fuq L.D. 19/97. (HAP 65/96).

(j) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 163.04 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 36, Triq in-Narċis, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' George Zahra, mix-Xlokk ma' Triq in-Narċis, u mill-Majistral ma' proprjetà ta' Carmel Grima, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 36, Triq in-Narċis, Xewkija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 36 fuq L.D. 19/97. (HAP 611/96).

(k) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 214.9 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 37, Triq Tal-Ħamrija kantuniera ma' Triq in-Narċis, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' John Spiteri, mix-Xlokk ma' Triq in-Narċis, u mil-Lbiċ ma' Triq Tal-Ħamrija, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 37, Triq Tal-Ħamrija kantuniera ma' Triq in-Narċis, Xewkija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 37 fuq L.D. 19/97. (HAP 94/96).

(l) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 175.69 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 38, Triq Tal-Ħamrija, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' John Spiteri, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Michael Attard, u mil-Lbiċ ma' Triq Tal-Ħamrija, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 38, Triq Tal-Ħamrija, Xewkija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 38 fuq L.D. 19/97. (HAP 329/96).

(m) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 175.64 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 39, Triq Tal-Ħamrija li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' John Spiteri, mil-Lbiċ ma' Triq Tal-Ħamrija, mill-Majistral ma' proprjetà ta' John Xuereb, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 39, Triq Tal-Ħamrija, Xewkija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 39 fuq L.D. 19/97. (HAP 72/96).

(n) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 175.64 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 40, Triq Tal-Ħamrija li tmiss mill-Majistral ma' proprjetà ta' Philip Borg, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Carmel Debrincat, u mil-Lbiċ ma' Triq Tal-Ħamrija, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 40, Triq Tal-Ħamrija, Xewkija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 40 fuq L.D. 19/97. (HAP 167/96).

(5) *Flat* numru 3, Blokk B, Unit Nru. 3, Bini tal-Gvern, Triq it-Tempji Neolitiċi, Paola (Tenement No. 62245 – H.A. 640/95).

(6) *Flat* numru 7, Blokk J, Unit Nru. 1, Bini tal-Gvern magħruf bħala Hubbard Flats, Triq it-Tempji Neolitiċi, Paola (Tenement No. 62236 – H.A. 222/95).

(7) *Flat* numru 2 f'75, Triq Tal-Borġ, Bini tal-Gvern magħruf bħala Djar il-Haddiema, Paola (Tenement No. 61709 – H.A. 200/95).

(8) *Flat* numru 5, Blokk F-4, Triq in-Nasba, Ta' Mlit, Mosta (Tenement No. 71502 – H.A. 199/96).

(9) *Flat* numru 6, Blokk A, Unit Nru. 1, Bini tal-Gvern magħruf bħala Hubbard Flats, Triq is-Sorijiet, Paola (Tenement No. 62175 – H.A. 913/96).

(10) Flat numru 4, Fuq il-Fortini, Bini tal-Gvern, Vittoriosa (Tenement No. 67662 – H.A. 368/96).

(11) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 175.64 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 53, Blokk III, Vjal il-Labour, li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern f'Tal-Ħamrija, limiti Xewkija, Għawdex, li tmiss mill-Majistral ma' proprjetà ta' Joseph Agius, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' John Cauchi, u mill-Grigal ma' Vjal il-Labour, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 53, Vjal il-Labour, Xewkija, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Nru. 53 fuq L.D. 19/97. (HAP 399/96).

(12) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 180.95 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 62, Triq Antonio Chircop, li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern, limiti Qrendi, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Carmel Sciberras, min-Nofs-in-Nhar ma' Triq Antonio Chircop, u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Carmel Farrugia, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 62, Triq Antonio Chircop, Qrendi, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.62 fuq L.D. 92/83/10. (HAP 300/96).

(13) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern ta' San Ġwann kif hawn aktar 'il quddiem indikat –

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 187.93 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 33, Triq iċ-Ċedru,

Neighbourhood I, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq iċ-Ċedru, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Joseph Bonnici, u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Maria Assunta Xerri et, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 33, Triq iċ-Ċedru, San Ġwann, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.33 fuq L.D. 135/81/46. (HAP 106/96).

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 403.98 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 54, Triq R. Caruana Dingli kantuniera ma' Triq il-Ġiżi, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq R. Caruana Dingli, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Joseph Grech, u mill-Punent ma' Triq il-Ġiżi, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 54, Triq R. Caruana Dingli kantuniera ma' Triq il-Ġiżi, San Ġwann, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P. 54 fuq L.D. 128/80/23. (HAP 194/96).